MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Numru. 938/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE GRECH**
**KONTRA**

**AHMED ALI KASAB**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Ahmed Ali Kasab, 40 sena, nazzjonalita' Palestinjana, iben Ali u Amini, mwieled Sirja fl- 1970, minghajr residenza fissa, Certifikat tal- Imigrazzjoni Nr. 003485AA (numru tal- file CIO/ 58641);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ dawn il- Gzejjer fid- 9 ta’ Settembru 2010;

1) Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’ hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il- Ligi minn servizz pubbilku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall- esekuzzjoni tal- Ligi jew ta’ ordni moghti skond il- Ligi mill- Awtorita’ ghall- esekuzzjoni tal- Ligi jew ta’ ordni moghti skond il- Ligi mill- Awtorita’ kompetenti, u dan bi ksur tal- Artikolu 96 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

2) Kif ukoll talli kkaguna ferita hafifa fuq il- persuna ta’ PC 364 David Borg, kif ukoll fuq il- persuna ta’ PC 673 Kevin Muscat, persuni nkarigati skond il- Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qieghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal- Ligi jew ta’ ordni moghti skond il- Ligi mill-Awtorita’ kompetenti;

3) U aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l- ordnijiet legittimi moghtija lilu minn Ufficjali tal-Pulizija, jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d- dmirijiet taghhom, jew b’ xi mod iehor bla jedd inhadal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ Ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn dak li haddiehor kien ghamel skond il- Ligi u dan bi ksur tal- Artikolu 338 (ee) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

4) U aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ fuq telephone cellulari tal- marka Samsung ghad- dannu PC 364 David Borg, liema hsara tammonta aktar minn Lm50 (€116.5) izda minqas minn Lm500 (€1165);

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidra, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 95, 96, 221, 338(ee), 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah disa' (9) xhur prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------